**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta , 26 ta' Marzu, 2024**

**Kawża Numru: 2**

**Rikors Guramentat Numru:- 1017/2015 JVC**

**Gaetano Sciberras**

**vs**

**Devlands Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat illi permezz tieghu r-rikorrenti Gaetano Sciberras (I.D. 557955M) talab kif isegwi:

'Illi premess illi nhar id-9 ta' Lulju 2013 l-esponent kien qieghed jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni fuq sit fl-indirizz 148, 'Anthony' Triq il-Kostituzzjoni, Mosta u dan fuq struzzjonijiet tas-socjeta' intimata.
Illi fuq l-istess sit kien hemm ukoll impjegati tas-socjeta intimata li kienu qed jahdmu wkoll fuq il-kostruzzjoni tal-istess sit.

Illi f'mument minnhom waqt li certu Darren Agius, impjegat tas-socjeta intimata kien qieghed jopera *tower crane* li bih beda jittella l-gebel gara illi ghal xi raguni l-istess gebel waqa mill-gholi u spicca fuq l-esponent li kien qieghed isfel fuq il-livell tal-bankina.

Illi l-esponent sofra dizabilta permanenti tal-persuna tieghu u dan b'rizultat tal-incident suriferit li sehh fuq il-post tax-xoghol fuq is-sit ta' kostruzzjoni fl-indirizz 148, 'Anthony' Triq il-Kostituzzjoni, Mosta fid-9 ta' Lulju 2013, u liema incidet sehh b'responsabilta unika tal-intimati.

Illi minkejja li l-intimati gew interpellati diversi drabi nkluz b'ittra ufficjali datata 12 ta' Mejju 2015 sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas ta' danni huma baqghu inadempjenti u dan bla ebda raguni.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgboha:

1. Tiddikjara illi l-incident li sehh fid-9 ta' Lulju 2013 filwaqt li l-esponent kien qieghed jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni fuq sit fl-indirizz 148, 'Anthony' Triq il-Kostituzzjoni, Mosta u fejn huwa safa mwegga gravament, sehh b'responsabilta tas-socjeta intimata;

2. Tiddikjara illi konsegwenza tal-istess incident l-esponent soffra danni konsistenti f'dizabilita fizika permanenti li huwa garrab;

3. Tiddikjara illi l-intimati huma responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-esponent u tillikwida l-istess danni minnu hekk sofferti;

4. Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lill-esponent dik is-somma hekk likwidata fi zmien qasir u perentorju;

U dan taht il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Mejju 2015 u bl-intimati minn issa ngunti in subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' intimata Devlands Limited [C-9017] li taqra kif isegwi:

1. 'Illi l-ewwel talba tar-rikorrent in kwantu diretta kontra s-socjeta' esponenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda u dan stante illi l-istess esponenti mhiex responsabbli ghall-incident *de quo* hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi *di piu*, ghal kuntrarju ta' dak li qed jigi allegat mir-rikorrent fir-rikors promotur, is-socjeta' esponenti dejjem aggixxiet b'diligenza fejn, fost affarijiet ohra, dejjem adderiet ruhha ma' l-obbligi legali taghha, fosthom dawk kontenuti fil-Kapitolu 424 ta' Ligijiet ta' Malta fejn sahhet sabiex tipprovdi lill-impjegati taghha, fosthom lir-rikorrent, a *safe place of work* kif ukoll a *safe system of work*. Ghaldaqstant, in

vista ta' dak appena premess, jispetta lir-rikorrent jipprova li s-socjeta' esponenti wettqet xi nuqqas illi jaghmilha b'xi mod responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza u l-grad ta' tali responsabbilta'.

3. Illi t-tieni u t-tielet talba tar-rikorrent ghandha ghalhekk tigi rigettata stante li ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-istess rikorrent. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-entita' tad-danni pretizi mir-rikorrent huwa kontestat u ghaldaqstant l-istess ghandu jaghmel il-prova tad-danni skond il-ligi.

4. Illi r-raba' talba tar-rikorrent ghandha ukoll tkun michuda u dan ghaliex is-socjeta esponenti m'ghandhiex tigi kostretta thallas ebda danni lill-istess rikorrent.

5. Salv eccezjonijiet ohra premessi mil-ligi, bl-ispejjes kontra r-rikorrent. '

Rat illi fil-verbal datat 11 ta' April, 2016 din il-Qorti diversament preseduta ghaddiet sabiex innominat lil Mr Ray Gatt sabiex wara li jezamina lir-rikorrent u jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-incident imsemmi fir-rikors mahluf, fuq l-istat ta' sahha tar-rikorrent u jekk konsegwenza tal-istess incident garrabx xi debilita' permanenti u f'liema grad.

Rat li fil-verbal tat-23 ta' Mejju, 2016 il-partijiet ulterjorment qablu kif isegwi:

'L-avukati difensuri tal-partijiet qeghdin jaqblu li huwa mehtieg jitqabbad espert mediku iehor apparti lil Mr Ray Gatt, dwar il-konsegwenzi tal-incident imsemmi fir-rikors mahluf sa fejn seta'

affettwa s-sahha tal-attur ghar-rigward tal-aspetti kardjo toracici u qeghdin jiproponu li jigi mahtur ghal dan l-iskop lil Mr Walter Busuttil. Fid-dawl ta' dan il-Qorti qieghda tahtar lil Mr Walter Busuttil biex wara li jezamina lill-attur jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-incident imsemmi fir-rikors mahluf fuq is-sahha tal-attur mill-aspett kardjo toracici u jekk konsegwenza tal-istess incident l-attur garrabx xi debilita' permanenti u fliema grad. Spejjez provvizorjament ghall-attur. Il-Qorti qed tidderiegi lill-esperti medici Mr Ray Gatt u Mr Walter Busuttil biex jaslu ghal rata wahda komplessiva ta' debilita' permanenti fkaz li jsibu li hemm debilita' permanenti.'

Ulterjorment fil-verbal tas-16 ta' Novembru, 2016 gie dikjarat u dekretat kif isegwi:

'L-avukati tal-partijiet qeghdin jaqblu li ghandha ssir il-hatra ta' Mr Gordon Caruana Dingli sabiex flimkien mal-esperti medici Mr Raymond Gatt u Mr Walter Busuttil jirrelataw dwar il-konsegwenzi tal-incident imsemmi fua l-attur. Il-Qorti ghalhekk tahtar lil Mr Gordon Caruana Dingli bhala espert mediku flimkien ma' Mr Raymond Gatt u Mr Walter Busuttil bl-istess inkarigu u bl-istess fakultajiet li diga inghataw lill-esperti medici l-ohrajn. It-tliet esperti medici ghandhom jaslu ghal rata wahda komplessiva ta' debilita' permanenti f'kaz li jsibu li hemm debilita' permanenti. Kommunika lil Mr Gordon Caruana Dingli.'

Rat illi fil-verbal datat 18 ta' April, 2023 ir-rikors gie differit ghat-28 ta' Marzu 2024 ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat illi permezz tal-avviz datat 10 ta' Awwissu 2023 ir-rikors gie rikjamat ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrent Gaetano Sciberras qed jitlob is-sejbien ta' responsabilta tas-socjetà ntimata Devlands Limited ghall-incident li fih safa' korrut fid-9 ta' Lulju tas-sena 2013 waqt li kien qieghed jahdem gewwa sit ta' kostruzzjoni fl-indirizz 148, "Anthony", fi Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta. Ir-rikorrent talab li din il-Qorti tillikwida d-danni sofferti konsegwenza ta' dan l-incident u tghaddi sabiex tikkundanna lis-socjetà ntimata sabiex thallas l-istess.

Is-socjetà intimata Devlands Limited eccepiet illi l-ewwel talba rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda u dan stante illi ma kienitx responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrent. Eccepiet ukoll li ghal kuntrarju ta' dak allegat fir-rikors promotur, hija dejjem aggixxiet b'diligenza fejn, fost affarijiet ohra, dejjem aderiet ruhha mal-obbligi legali taghha inkluz dawk kontenuti fil-Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn ghamlet dak kollu possibbli sabiex tipprovdi lill-impjegati taghha, fosthom lir-rikorrent, *a safe place of work* kif ukoll a *safe system of work*. Is-socjeta' intimata eccepiet ukoll li jispetta lir-rikorrent li jipprova li hija wettqet xi nuqqas illi jrendiha responsabbli ghall-incident in kwistjoni u sa liema grad. Is-socjeta intimat kkontestat ukoll id-danni pretizi mir-rikorrent u sahqet li sta ghar-rikorrent li jipprova tali danni skont il-ligi.

**Provi:**

Rat ix-**xhieda ta' Mario Azzopardi** a fol. 16 et seq tal-process. Jghid li huwa haddiem tas-socjeta ntimata bhala 'foreman'. Jikkonferma li r-rikorrent kien wegga' fuq is-sit. Kienu f'sit fil-Mosta u r-rikorrent kien qed jaghmel xoghol li jimbraga l-gebel, jerfa' l-gebel u jaghmel it-tajn. Mistoqsi kif wegga' r-rikorrent jixhed li r-rikorrent kien imbraga xi gebel u l-krejn refa' l-gebel (misjuq minn xufier certu Darren impjegat ta' Devlands) u f'daqqa wahda infaqa l-gebel jew spara l-gebel. Semghu 'bum' u ra lir-rikorrent mal-art. Mistoqsi jafx kif spicca mal-art ir-rikorrent jghid li forsi laqtu l-gebel. Jixhed li hu sema' biss il-hoss il-bqija ma ra xejn mill-incident. Il-hoss li sema' kien ta' gebel qed jaqa'. Kienu knatan imma ma jafx ta' liema daqs.

A fol. 20 et seq tal-process **xehed** ghall-ewwel darba **Paul Magri**n nhar il-11 ta' April, 2016. Jghid li huwa wkoll haddiem tas-socjeta' intimata u jaf lir-rikorrent fuq ix-xoghol. Jghid li r-rikorrent wegga' fuq ix-xoghol. Mistoqsi x'gara' dak in-nhar tal-incident jghid li r-rikorrent mar rabat il-gebel u hu sema' l-gebel jaqa' minn gol-katina. Il-gebel kien tela bil-krejn u waqa' mal-art. Il-krejn kien qed jigi operat minn certu Daryl. Mistoqsi jekk jafx mil-liema gholi kien waqa' l-gebel jghid li ma jafx u ma jafx ghalfejn il-gebel waqa'. Huwa sema' hoss u nizel jigri u ra lir-rikorrent mal-art. Il-gebel li waqa' kienu knatan tal-franka tal-pied u ghaxra. Ma fehemx kif setghu waqaw il-knatan. Jghid li r-rikorrent ma kienx jiccaqlaq wara l-incident. Il-katina tal-imbragar ma kienx ra wara li sema' l-hoss ghaliex ma tax kaz. Wara l-incident giet il-pulizija u hadet lir-rikorrent l-isptar.

In kontro ezami jghid li kien ir-rikorrent stess li rabat il-knatan u ma kienx hemm haddiem iehor. Il-'bum' huwa semaghha malli l-

krejn beda jgholli l-knatan izda lill-krejn ma rahx f'liema gholi baqa' ghaliex ma tax kaz l-anqas wara li sehh l-incident.

Dan ix-xhud jerga jitla' jixhed nhat it-12 ta' Jannar, 2018 a fol. 90 A tal-process u jikkonferma li wara li kien xehed l-ewwel darba kien avvicina lill-Avukat tar-rikorrent ghaliex kien nesa' jixhed dwar dettall. Jghid li dan id-dettall kien li suppost l-operatur tal-krejn li kien bit-*tower crane,* wara li jintrabat il-gebel u jgholli l-gib, kellu jghaddi minn gol-ghalqa biex ma jghaddix minn fuq in-nies. Suppost idur lejn iz-zona vojta, l-ghalqa, izda skont hu l-operatur m'ghamilx hekk:

'Hu qabad u beda gej minn fejn in-nies'

u dan kien meta wegga' r-rikorrent.

Rat illi x-xhud Paul Magri rega' xehed din id-darba in kontro-ezami nhar it-18 ta' April, 2023 a fol. 228 et seq tal-process. Mistoqsi ghalfejn xehed it-tieni darba wara li qal li avvicina lil Dr. Montalto jghid li ma jiftakarx li tkellem ma' Dr. Montalto. Wara li jghid hekk izda jiftakar li huwa kien tkellem ma' Dr. Montalto wara li xehed l-ewwel darba x'hin hareg mill-awla u qallu li kien nesa dettal u dan kien dwar il-manuvra tal-krejn. Mistoqsi kif kien armat il-krejn jghid li ma jafx kif kien armat. Wara jghid li kien armat fuq il-konkos u kellu t-*tower*. Jghid li l-krejn kien armat fuq gewwa mhux in-naha ta' Triq il-Kostituzzjoni. Muri pjanta tas-sit izda jghid li ma jgharfux. Jghid li l-krejn kien posizzjonat fejn jiltaqa' s-sit fin-nofs u jekk thares lejn is-sit minn triq il-Kostituzzjoni jigi fuq in-naha tax-xellug. Skont hu it-tower seta' jdur 360 degrees. Jghid li anki fejn kien hemm il-bini seta jdur bla xkiel. Skont dan ix-xhud kien hemm 90% li t-*tower* seta jghaddi minn fuq il-wied.

Izid li hu ma kienx mar-rikorrenti meta kien qed jorbot il-gebel, kien fuq il-hajt qed ipoggi l-gebel. Ir-rikorrent kien madwar metru u nofs aktar l-isfel minnu bhala livell. Mistoqsi x'ghamel ir-rikorrent meta l-krejn beda jtella l-gebel jghid li baqa hemm ghaliex skonthu hemm trid tibqa'. Jispjega li mhux jibqa' taht ir-ruzata tal-gebel izda jersaq l'hemm lejn il-lemin, resaq il-boghod minn fejn ha jdur il-krejn jghid:

'gejtu resaq il-boghod iktar mir-ruzata tal-gebel hux.'

Izid li suppost il-krejn itella l-gebel u jdur lejn il-wied. X'hin tal-krejn beda jgholli r-ruzata tal-gebel ir-rikorrent resaq 'l hemm. Il-krejn idur lejn il-wied u Gejtu ma setax imur lejn il-wied. Jaqbel li jekk il-krejn kien sejjer lejn ix-xellug allura Gejtu mexa lejn il-lemin. Gejtu xorta ntlaqat ghaliex ir-ruzata tal-gebel kiened qieghda fl-gholi u l-gebel infetah, spara l-gebel fil-wisa'. Jghid li spara f'cirku ta' madwar hmistax, ghoxrin metru fejn kien hemm biss ir-rikorrent u ebda haddiem iehor. Il-haddiema l-ohra ma kienux fil-vicinanza taghhom. Ma jafx jekk rawx l-incident. Li kieku kienu fil-vicin kienu jintlaqtu wkoll. Jahseb li r-rikorrent lahaq mexa hmistax-il metru minn fejn kien rabat ir-ruzata sal-post tal-incident. Skont hu ir-ruzata lahqet imxiet fid-direzzjoni opposta madwar erba', hames metri u teleghet xi tnax jew hmistax-il metru fl-gholi.

In ri-ezami mistoqsi kif ftakar tant dettalji jghid li minghajr pjanta ma tantx tista tithaddet. Mistoqsi izda almenu jafx x'daqs kien it-*tower crane* jghid li jahseb mill-kbar izda lanqas dan id-dettal ma jiftakar sew u mhux cert. Il-krejn 90% mid-dawra seta' jghaddi minn fuq il-wied. Qabel l-incident huwa kien ilu fil-kostruzzjoni madwar ghaxar snin jew aktar. Mistoqsi allura l-krejn kif kien

armat f'dak il-lant malli jtella' ruzata gebel lejn liema direzzjoni kellu jdur huwa jghid li kellu jdur lejn il-wied ghaliex hemmhekk ma kien hemm hadd. Mistoqsi dak in-nhar tal-incident il-krejn lejn liema direzzjoni dar jghid li kull ma lahaq mexa xi hames jew sitt metri izda ma jiftakarx lejn liema direzzjoni kien dar. Wara li nqratlu x-xhieda tieghu precedenti jghid li iva jiftakar li tal-krejn flok dar fuq il-wied dar ghal fuq in-nies.

A **fol. 25** et seq jixhed **Daryl Lee Agius** li jahdem ma' Devlands Limited u dak inhar tal-incident fuq ir-rikorrent huwa kien it-*Tower Crane Operator* fil-lant tal-Wied tal-Mosta. Ir-rikorrent xoghlu kien li jorbot il-gebel u xogholu kien dak ta' bennej. Mistoqsi kif sehh l-incident jixhed kif isegwi:

'Kont qed intellghalhom ix-xoghol, kien qed jorbotli l-gebel, ghamilli – sinjal biex intella', tellajt u waqa' l-gebel.'

Jahseb li dak in-nhar kien ilu jahdem madwar tlett sieghat, erba'. Jibdew xoghol fis-sitta u nofs ta' filghodu u xoghlu dejjem huwa ta' *crane operator*. Hu kien *operator* u r-rikorrent kien jimbraga l-gebel. Mistoqsi xi tfisser 'timbraga l-gebel' jghid:

'Jimbraga l-gebel, jorbot il-katina, jaghmel sinja hu u fejn jghidli nohodulu.'

Dak in-nhar kienu qed jahdmu fl-istess sular fil-livell tal-*basement* ghalhekk il-gebel kien qed jintrefa mill-*basement* ghal gewwa l-istess *basement*. Mistoqsi l-gebel kemm kien qed jghola jghid li kien hemm pilastru li ried jinqabez allura ried jghollih madwar sular u minghalih li l-gebel kien tad-disa'. Mistoqsi kemm kienu qed jigu mbragati knatan jghid madwdar sitta jew seba'. Mistoqsi kemm juzaw katini jghid li dak igibu huma u li hu ghandu

x'jaqsam biss mal-krejn. Mistoqsi jekk waqt li jkun fil-kabina tal-krejn jarax lir-rikorrent jimbraga jghid li iva ghaliex kieku ma jtellax. Jekk jara xi haga hazina fl-imbragar ma jtellax. Izid:

'Tellghajt u waqa', mhux fuqu, kieku waqghet fuqu kienet tordmu hux'

Mistoqsi allura fejn waqghet jghid:

'Lil hemm. Dak tista' tarah fir-rapport tal-Perit meta kien ge kejjel fejn kien hemm il-gebel u fejn kien hemm il-bniedem, dak il-perit jghidulek..'

Jghid li huwa ra l-gebel niezel u beda jtir. Mistoqsi fejn kien Gejtu jghid li kien mal-art, mimdud imma ma kienx mirdum bil-gebel. Izid li dak il-hin huwa ha qatgha. Ma jafx ir-rikorrent kienx wiccu l-fuq jew l-isfel. Ir-rikorrent bex jghid ajma ghaliex beda jisimghu u ghajjat lill-ohrajn biex ituh ghajnuna u wara giet l-ambulanza u huwa tella lir-rikorrent fuq *stretcher* permezz tal-krejn. Mistoqsi jekk jafx ghalfejn waqa' l-gebel jghid:

'Ma nafx. Hu kien marbut, il-ganc baqa' marbut, . . '

Izid illi l-katina kienet tajba. Fuq domanda ta' din il-Qorti diversament preseduta jghid illi ma jkunx hemm bazi taht il-gebel, il-gebel izomm bil-katina fin-nofs, ganc u holqa li x'hin itella' jissikka.

In kontro-ezami jghid li r-rikorrent kien l-uniku persuna li rabat il-knatan. Mistoqsi jekk kien ir-rikorrent responsabbli li jorbot il-knatan, jassigura ruhu li l-knatan marbutin kif suppost u jaghtih is-sinjal u hu jtella' jghid li jaqbel. Jghid li jikkalkula li ried itella'

l-knatan madwar sular u li sakemm sema' l-hoss huwa kien tella' madwar sebgha filghati. Meta r-rikorret jghidlu biex itella huwa jkollu *lever* u jtellghu l-fuq bil-mod bil-krejn 'jistira l-wire u jtella' l-katina b'kollox'. X'hin tella' madwar seba' filati sema' l-faqqatura. Mistoqsi dwar il-posizzjoni tar-rikorrent mal-krejn u l-knaten jghid li waqt li hu jkun qed itella' Gejtu jkun sejjer fuq il-lant tax-xoghol biex jghid lil iehor Pawlu biex inizluha fuq il-hajt. Ma jafx kienx dahru lejn il-knatan ghaliex hu jkun attent li ma jkollu l-hadd tahtu. Ir-rikorrent kien il-boghod mill-knatan izda jekk dar hu ma jafx. Jaqbel li fil-mument li Gejtu qallu biex itella' huwa assigura ruhu li tahtu m'hemm m'ghandu l-hadd. Mistoqsi f'dan il-kaz min kien qed jidderigih biex itella' jghid li kien ir-rikorrent li qallu biex itella' u ndikalu ghal fejn hi. Ma jafx jekk ir-rikorrent darx. Ir-rikorrent ma jistax jghaddi minn taht il-gebel mgholli izda hu ma jafx minn fejn ghadda r-rikorrent izda taht il-krejn ma kellu l-hadd.

Rat ix-**xhieda ta' Paul Bugeja** a fol. 33 et seq tal-process li jghid li kien jahdem mas-socjeta' intimata jarma *shutters.* Jaf li r-rikorrent kien jahdem bhala bennej, li kellu incident fuq ix-xoghol izda hu ma rax l-incident. Hu sema biss hoss ta' gebel mbaghad ra lir-rikorrent mal-art. Madwar ir-rikorrent kien hemm gebel. Jghid li ma jafx x-xoghol kien qed jaghmel ir-rikorrent dak in-nhar. Lir-rikorrent rah mal-art midud filwaqt li l-*crane operator* kien ghadu gol-gabina.

A **fol. 36 et seq xehed Michael Cassar**, impjegat tas-socjeta' ntimata. Meta wegga' r-rikorrent huwa kien fuq il-lant. Hu ma rax l-incident ghaliex kien wara l-binja izda sema hoss ta' gebla u qasam jigri u ra lir-rikorrent mal-art. Ma jafx kif spicca mal-art izda madwaru kien hemm gebel. Ma rax il-gebel jaqa' minn fuq il-

krejn. Il-*crane operator* kien gol-gabina fil-hin tal-incident. Hu ma jkollux x'jaqsam mal-*crane operator.*

Rat a fol. 40 et seq tal-process **ir-rapport tal-pulizija** dwar l-incident datat 9 ta' Lulju, 2013 fejn dak li sehh gie rapurtat kif isegwi:

'Illum ghall-haba ta' 13: 10hrs rcevejna telefonata l-ghassa l-Mosta mill-emergenza ta' Mater Dei fejn infurmawna li hdejn Casa Arkati li tinsab triq il-Kostituzzioni Mosta hemm xi persuna midruba minhabba l- fatt li waqghu xi affarijiet fuqu. Gejna nfurmati wkoll li l-ambulanza diga kinet fi triqta fil-post ta' l-incident.

Fuq dan ir-rapport l-imsemmija Pulizija stazzjonati l-ghassa l-Mosta marru immedjatament fil-post jigiferi 148, Anthony, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, fejn fuq barra fil-main road sabu xi haddiema jistennewna u jaghmlu sinjal sabiex nieqfu. Mill-ewwel gie stabbilit li l-post ta' kostruzzjoni ma kienx livell mat- triq imma kien madwar zewg sulari u nofs l isfel. Ghalhekk il-Pulizija accedit fil- post billi niezlu minn zewg slilem li l- uzu taghhom fil-post huwa sabiex haddiema jkunu jistghu jinzlu fuq il-land tax-xoghol.

Mill- ewwel seta' jigi nutat li ma' l- art kien hemm persuna wicca l-fuq b'zewg knatan biswiet rasha u bicca injama u li l-vittma kien bejnhom. Ta' min jinnota li dawn x'aktarx saru wara l-incident sabiex jaghmlu bhala lquh mill-qilla tax-xemx. Madwar il- vittma kien hemm l- imsemmija xhieda fejn dawn bdew jassistuh. B' mod evidenti fuq in- naha tax- xellug ta' l-ispalla seta' jigi nutat nefha kbira u demm ezattament biswiet widnejh ix-xellugija fejn ukoll l-imsemmija persuna bdiet tokrob hafna bl-ugigh. Gew reghhu nfurmati d- dipartiment tas-sahha fejnj nfurmawna li l-ambulanza

kienet kwazi fil-post. Gew infurmati wkoll ic-civil protection minhabba l-gholi tal- post sabiex jittella kif ukoll OHSA rispettivament.

Fil-post gie mitkellem Gaetano Sciberras imnizzel ukoll bhala vittma fejn huwa stqarr li kien qieghed jimbraga xi gebel madwar sitt knatan fejn wara li rabathom bil-katina tal-hadid l-operatur tat- tower Crane beda' jtella'. Huwa stqarr li mbaghad ma jiftakar xejn aktar hlief li beda jigi assistit minn xi haddiema kif ukoll li beda' jhoss ugigh kbir.

Fuq il-post wasal Aldo Busuttil mill-AME fejn beda jamministra l-ewwel ghajnuna kif ukoll ftit wara waslu Tony Portelli chief officer Lawrence Bianco ARO, Jeffrey Galea ARO kif ukoll Fredrick Sammut u Godffrey Cordina ARO'S kollha mis- sezzjoni tax- Xemxija fejn hemm flimkien ma' Aldo Busuttil rabtu l-persuna u giet mtellgha fug fit- triq permezz tal- tower Crane. Is-sur Sciberras gie mehud permezz ta' l-ambulanza gewwa Mater Dei. Ta' min isemmi li gew icaqalqa xi travetti tal-hadid u xi knatan li waqghu sabiex ikunu jistghu jahdmu ahjar il-persuni li taw l-ewwel ghajnuna.

Fil-post gie mitkellem Mario Sciberras mnizzel bhala xhieda u li huwa foreman tas-sid tal-kostruzzioni fejn huwa stqarr li ma ra xejn ghax kulhadd kien fuq xogholu. L-istess verzjonijiet inghataw minn Paul Bugeja, Michael Cassar u Paul Magri fejn kollha pressa o poco stqarrew li ma kienux fil-vicinanzi ta' l-incident.

Gie mitkellem ukoll Darren Agius li huwa l-operatur tal-tower crane u li mnizzel bhala xhieda fejn huwa stqarr li nizzel fejn kien hemm Gaetano sabiex jorbot il-gebel halli jkun jista itella l- knatan il-fuq. Gara li huwa waqt li beda' jtella dahal il- gewwa sabiex

ikun jista' jimmanuvra minhabba xi pilastri li hemm fis-sit fejn f'daqqa wahda ra' il- gebel jinfetah u jaqa ghall- isfel. Huwa stqarr ukoll lima ndunatx li tahtu kien hemm Gaetano Sciberras.'

Rat ix-**xhieda tar-rikorrent Gaetano Sciberras** a fol. 73 et seq tal-process. Jghid illi s-sena tieghu hija dik ta' bennej u ilu jaghmel dan ix-xoghol mis-sena 1981. Dak in-nhar tal-incident huwa kien jahdem bl-imqieta ghas-socjeta' intimata u xoghlu kien li jorbot, jaqta l-gebel u jaghmel ix-xoghol li jkollhom bzonn. Mieghu dak in-nhar kien qed jahdem Pawlu Magri. Pawlu kien fuq u hu kien isfel. Kien hemm haddiema ohra fuq il-lant fosthom Mario Azzopardi l-*foreman*. Fuq kif sehh l-incident jixhed kif isegwi:

'… kont xoghol, kont qed naghlu l-hin kollu. Kien hemm il-magna tal-gebel, kien hemm sitta jew sebgha kantuni lesti fejn il-magna tal-gebel, l-ahhar sitta jew sebgha, irbatthom, ghamilt is-sinjal . . . Bil-katina . . . biex intellghuhom bit-tower crane u ndawruhom ghal fejn kien hemm it-tower crane.'

Izid li t-*tower crane* kien qed joperah Darryl Agius impjegat tas-socjeta' intimata. Mistoqsi kif tintrabat il-katina jghid:

'Torbotha, taqbad il-holqa tatieha l-katina, tissikkaha, tqabbad il-ganc taghmlu faccata tal-holqa u taqbad il-katina u tiggancja mal-ganc tal-*crane*.'

Mistoqsi mill-Qorti jekk dan ifissirx li l-knatan ikunu weqfin u jdawwar il-katina maghhom weqfin jirrispondi li ezatt u li iccekkja darba tnejn u li din hija procedura normali. Ghamel is-sinjal lil Darryl Agius biex itella bil-mod ghaliex kien hemm il-magna li taqta l-gebel biex ma tintlaqatx u ma ssirx hsara. Biex tal-krejn itella isir sinjal standard bl-idejn, hemm sinjali standard bejn il-

haddiema u li l-haddiem jgharfu. Il-krejn *operator* mas-sinjal jaqbad itella bil-mod. Mistoqsi kemm itella jghid:

'Sa x'hin jara li jiena rigejta sewwa halli ma ddurlix 'l hemm u 'l hawn il-gebel u ma naghmilx hsara lill-magna.'

Ikompli li dan ikun madwar disgha piedi:

'Biex ma tintlaqatx il-magna u tibqali dritta ghax kien hawn pilastru tal-konkos li kien gholi ghaxar filati imbaghad kellu erbgha piedi ohra hadid imqabbez biex meta naghtu l-konkos jerga' jigi ghall-pilastru l-iehor, ghall-kolonna l-ohra.'

Dwar kif sehh l-inident ikompl li dawn is-sitta jew sebgha kantuni lahqu telghu izjed mid-disgha piedi sabiex jaqbzu l-pilastru. Huwa mexa fil-wisgha tal-binja madwar ghaxar piedi:

'Qabizni lili, jien imxejt qisu ghaxar piedi fil-wisgha, imbaghad tajt ruhi 'l isfel, izjed minn tletin pied imma ha nghid tletin pied fid-dritt halli jiena nigi fil-pozizzjoni fejs Darrel Agius jarani halli nerga' naghtih is-sinjali biex idawwar ghal fuq Pawlu Magri u naghmillu s-sinjal biex jimmanuvra hu, qed tifhem. Issa appena li jiena wasalt hemmhekk hassejt daqqiet go dahri, ghajatt ghajta u sibt ruhi wicci 'l fuq nghajjat bl-ugigh.'

Fuq dahru hass daqqiet ta' gebel mill-istess gebel li kien rabat. Hu jghid li kien hemm kantuna *damaged* biex gara l-kaz. Mistoqsi mill-Qorti jekk huwa rax ic-cnagan marbutin mghollijin jghid li rahom. Mistoqsi jistax jispjega kif waqa' l-gebel jghid li mill-katina ma nhallx zgur ghaliex x'hin huwa rabat hu kien jissikka l-istess. Jghid li huwa ma rax il-gebel jaqa' ghaliex gie milqut minn wara fuq ix-xellug. Mad-daqqa huwa waqa', ghajjat, sab ruhu

wiccu ‘l fuq jghajjat bl-ugiegh. Mistoqsi ghalfejn jahseb li nkiser kantun jghid ghaliex huwa rabathom mija fil-mija ghaliex kienu rabathom hazin ma kinux jilhqu jitilghu dak l-gholi. Ghalhekk zgur mhux ghaliex rabat hazin hu:

‘Irbatt tajjeb, ittawwalt ghal darba tnejn ghax huwa d-dover tieghi li nittawwal jekk il-ganc hux imqabbad sewwa, sijja ta’ mal-gebel u sijja l-ganc ta’ mal-*crane.’*

Konsegwenza tal-incident jghid li sofra sebgha kustilji miksurin, tlieta minn kull naha, messlu l-pulmun, qalghalu jdejh u nkisritlu spalltu u ghandu ghadma li ma regghetx giet f’postha, rikbet il-fuq. Jghid li sa ricenti kienu ghadu ghaddej bl-operazzjonijiet l-ahhar wahda fuq *ligament* li nqasam.

Mistoqsi jekk qattx rega’ hadem wara l-incident jghid li le. Mistoqsi wkoll il-materjal responsabbilta’ ta’ min kien biex jixtrih jghid li kienet ta’ Devlands.

Rat li r-rikorrent xehed in kontro-ezami a fol. 158 et seq tal-process. Jghid li huwa kien impjegat mas-socjeta’ intimata darbtejn darba ghal sitt snin u nofs u meta wegga’ kien ilu sena u nofs. Ix-xoghol li kien qed jaghmel dak in-nhar li wegga’ kien ilu jaghmlu fuq tletin sena ghalhekk jaqbel li l-imbragar tal-knaten kienet parti mir-rutina tax-xoghol tieghu. Il-foreman Mario Azzopardi kien jaghtihom struzzjonijiet skond il-bicca xoghol li jkunu qed jaghmlu u x’hin ilestu jtihom struzzjonijiet ohra. Mario Azzopardi kien ikun fuq il-lant. Jghid li huwa kien iqatta l-knatan bil-magna u jimbraga. Mistoqsi kif jintrabtu l-knatan jirrispondi:

‘Taqbad il-katina, tigbidha, tara jekk ghandek sebgha kantuni titfa l-holqa gor-raba' wahda, taghmel il-ganc bid-dritt taghha halli x-

xoghol jitla' ezatt, taghmillu s-sinjal lil tal-crane biex itella' jew biex inizzel, li jkollhok bzonn, jinzel, inizzel, timbrega u hu u qieghed jistira l-katina bilmod, ghax int taghmillu sinjal. Int fl-obbligu tieghek li terga' ticcekkja bhal ma naghmel jiena s-soltu, nicekkja tlett darbiet.'

Il-katina tintrabat fin-nofs tal-knatan u l-knatan izommu ghaliex wiehed jaghfas ma' l-iehor. Il-katina tissallab mal-knatan u hu hekk ghamel dak in-nhar tal-incident. Il-knatan jigu bi trakk fuq il-post – li kien ghad fadal huwa rabathom ghax kienu l-ahhar sitta jew sebgha, ma kienx hemm kantun iehor. Il-knaten mhux hu jqattaghhom huwa jqatta jekk ikun hemm bzonn xi gonta. Il-knaten jigu lesti. Il-knaten involuti fl-incident hu ma kienx messhom mil-lat ta' daqs ma qatax fihom, kif waslu ghabbiho. Mistoqsi x'jaghmel meta jghid li jimbraga u jiccekkja l-knaten jghid:

'Hi u tissakka l-katina, ghax meta l-crane ikun qieghed itella', ovvjament il-katina ha tissikka sewwa? Jien niccekkja, nara li kollox hu sewwa. Jekk ma jkunx sewwa naghmillu s-sinjal biex iwaqqaf u nerga' nirranga.'

Meta jkun qed jiccekkja huwa jiccekkja ghal kollox, il-ganc jekk ikunx imqabbad sew u jara li l-katina tkun qeda fin-nofs. Mistoqsi jekk il-knaten huma hu tilghin lil fil-fatt ma laqtu mkien jghid:

'Xhud: Issa nispjega ruhi. Huma telghu, jien sa l-gholi tieghi kont ghandi nzommhom biex ma jolqtulix il-magna. Issa l-gebel tela' fuq sular u nofs. Issa jien imxejt minn hawnhekk ghal hawn bejn eight u ten feet. Issa erghajt imxejt hekk biex nigi fuq il-post fejn inregi nerga' lil tal-crane.

Dr. Alessia Zammit Mc Keon : Jigifieri imxejt forma ta' L.

Xhud : Ezatt. Hekk bejn tmienja u ghaxar piedi.

Dr. Alessia Zammit Mc Keon : Jigifieri fil-parti l-qasira ta' l-L.

Xhud : Imbaghad fit-tul ergghajt imxejt qisu, kien hemm tletin pied biex ma nghidlekx izjed. X'hin wasalt hemmhekk gara l-accident ghax kien hemm kantun damaged.

Dr. Alessia Zammit Mc Keon : Pero d-domanda li ghamiltlek hi f dan it-tul kollhu, jigifieri waqt li inti ...

Xhud : Le ma kellhomx minn fejn jolqtu.

Dr. Alessia Zammit Mc Keon: Ma ntlaqat minn imkien.

Xhud : Le.'

Jghid li huwa ma rax il-gebel jaqa' izda hass biss id-daqqa. Huwa ma nafx fejn kien wasal il-krejn jew il-moviment tal-krejn ghaliex ma setax jarah minn wara. Jghid li tal-krejn mhux suppost hadem hekk suppost ghas-*safety* ghaddha bil-karru minn fuq l-ghalqa:

'Ghax li kieku dawwar fuq ir-raba', l-ewwel haga jien ma kontx nintlaqat, isir l-accident, jinqasam ix-xoghol, imma jien ma kontx nintlaqat.'

Jghid izda li hu ma setax ikompli l-moviment tal-krejn ghaliex kien miexi jhares lejn lat oppost. Meta huwa qal li l-krejn tela sular u nofs huwa baqa jhares naqra zghira sakemm qabel il-pilastru u l-hadid il-bqija kien qed ihares fejn kien miexi. Ma

kienx qed ihares meta l-krejn kien qed idur. Ma setax jimxi u jhares lejn il-krejn. Mistoqsi jekk rax il-kantun *damaged* kif sostna hu stess li sehh l-incident jghid li kieku rah ma kien ihallih. Wara l-incident ma setax jarah. Dwar jekk il-kantun jindikalekx li huwa *damaged* jghid li le:

'Ghax ikun imwahhal hekk ma' xulxix u dik tkun bi brama muta nghidula ahna . . . . Ma jkunx jurik, taf titfghu fuq il-magna, kif titfghu fuq il-magna jigi tnejn.'

Jinsisti li kellu brama bilfors izda ma rahx jghid izda li:

'Bilfors li kellhu brama ghax kienu kienu jfaqqghu ta' qabel.'

Jinsisti li hu ma setax jarah. Mistoqsi jekk hu hadimx il-kantun jghid li ma messx mieghu kemm tahom katina u daqshekk. Lil tal-krejn jghid li dejjem jafu jahdem mas-socjeta' intimata. Jghid li dak in-nhar hadem hazin ghaliex flok dawwar ghas-*safety* fuq l-ghalqa, hareg karru barra fejn kien hemm hu u nies ohra jahdmu.

In ri-ezami mistoqsi xi tfisser li jkollok brama muta jghid:

'Il-brama muta tkun maqsum gon-nofs, minn go x'jismu tieghu u ma jkunx jurik. Imbaghad kif teqilbu, anke int u ddawru jaghmel hoss differenti.'

Jghid li l-knatan kienet ipprovdithom is-socjeta' ntimata.

Dwar fejn suppost dar il-krejn jghid li kemm fuq il-lemin kif ukoll fuq ix-xellug kien hemm in-nies jahdmu u kien hemm il-bini. Izda f'direzzjoni ohra fuq ix-xellug minhabba l-konfigurazzjoni tas-sit il-krejn seta jdur fuq ir-raba ghaliex il-krejn seta' jdawru kif irid.

Il-Qorti rat ir-ritratti tas-sit esebiti mill-avukat tas-socjeta' intimata a fol. 187 u 188 tal-process li izdaj u l-izvilupp fi stadju ferm aktar avvanzat minn dak in-nhar li sehh l-incident. Rat is-site plan tas-sit a fol. 189 tal-process li juri l-forma tas-sit ta' ksotruzzjoni li jibda dejjam minn triq il-Kostituzzjoni Mosta u jinfetah forma ta' L fuq wara tieghu. Rat li fuq is-site-plan a fol. 190 tal-process gie mmarkat bl-ittra X fejn kien jinsab il-krejn.

Il-Qorti rat ukoll il-pjanta tas-sit kif redatta mir-rikorrent li jindika wkoll fiha fejn kien hemm il-bini u fejn kien hemm il-krejn a fol. 191 tal-process u li dwarha kompla jixhed a fol. 192 tal-process. Fuq din il-pjanta r-rikorrent jindika kif skont hu il-krejn seta jdur ghal fuq ir-rab'' wara li jghabbi l-gebel milll-punt X u jdur sabiex iwassalhom hgall-fejn hemm l-ghar li kienet qed tinbena bil-gebel.

In kontro-ezami ulterjuri jghid li l-krejn kien armat lejn it-triq imma kien hemm il-bini. Wara l-btiehi tad-djar li jaghtu ghal fuq Triq il-Kostituzzjoni. Mistoqsi fhiex kien wasal l-izvilupp fuq is-sit jghid li kienu tellaw sular isfel, garaxx, imbaghad tellghu iehor kien kwazi lest u kienu qed jimbarraw ghar. Mistoqsi lejn liema direzzjoni suppost daret l-*arm* tal-krejn jghid:

'L-arm tal-crane riedet iddur anti-clockwise, jieqaf quddiem il-btiehi, idahhal karru gewwa. Meta jdahhal il-karru gewwa jdur clockwise, jieqaf quddiem il-girna, jiena dejjem naghmillu s-sinjali. Naghmillu s-sinjal biex inizzel, biex ireggih, in fatti hu ma hadimx hekk. Hu qabad dahhal il-karru gewwa u ma taha kaz ta' hadd.'

Skont ir-rikorrent, tal-krejn, qabad u dahhal il-karru gewwa u gie jaqa' u jqum minn haddiehor. Jispjega li x'hin il-krejn ikun qed idur kif jghid hu, il-gib tal-krejn tghaddi minn fuq il-bini imma l-

gebel le ghax jiddahhal il-gewwa. Mistoqsi jekk qatt m'ghadda minn fuq il-bini hlief dakinhar jghid:

'Dakinhar ma nafx x'tah jien, l-ahhar wahda kienet, qabad u dahhal il-karru gewwa u dar dritt.'

Jghid li ghamel hekk biss dak in-nhar l-ahhar refa'. Mistoqsi ghalfejn ma semmiex fix-xhieda tieghu ta' qabel din il-kwistjoni tad-direzzjoni allegatament hazina tal-krejn jghid li ma jahsibx li kien hemm ghalfejn u issa qed iwiegeb ghax gie mistoqsi. Jghid li ma qal xejn dwar id-direzzjoni ghaliex tfixkel ghaliex skont hu l-Imhallef precedenti kien waqqfu. Jispecifika li huwa rabat gebel mhux bricks u jirrepeti kif rabathom:

'Tajthom il-katina fin-nofs, jekk kien hemm sebgha tajthom fuq ir-raba' wahda l-holqa. Gibt il-x'jismu . . . il-ganc biex indahhlu fil-katina min-naha l-ohra, issikkajtha, rajt li kienet fin-nofs mill-gholi tal-kantun u mill-wisa' tieghu. Allura hekk ikunu safe hundred percent.'

Ghalhekk jghid li qabel ma l-operatur tal-krejn tella l-gebel kienu *safe hundred percent*. Jispjega li meta jghid li ccekkjahom darba darbtejn ifisser li jiccekkja li hemm kollox fin-nofs, il-katina mill-wisa' u mill-gholi li tkun fin-nofs. Waqt li jissikka l-katina dahhal il-katina fil-ganc tal-krejn. Huwa jiccekkja l-irbit ghax jekk ma torbotx sew ma titlax ir-ruzata gebel ma tibqax dritta. Mistoqsi jekk waqt li kien qed jiccekkja allura ccekkjax il-gebel jghid li huwa ma rax diffikultajiet. Jaqbel li sakemm gara l-incident ir-ruzata ma habtet ma mkien. Jghid li ma setghetx tahbat ghax ra li telghet sular u nofs u evitat l-ostakli u kienet *clear off*. Jixhed li meta gie milqut bil-gebel ma jistax jghid fejn kien wasal il-krejn ghaliex hu gie milqut minn wara. Lanqas jaf f'liema process kien

wasal ghaliex mad-daqqiet instabat mal-art. Mistoqsi jekk rax il-kantun *damaged* jghid li kieku rah ma kienx ser ipoggih hemm u lanqas kien jindika li kien hemm xi wiehed *damaged*. Jerga' jghid:

'Dik ikun hemm kantun u nghidulu bi brama muta. Taf terfghu u jinqasam fuq spalltek allura dak ma tistax tarah.'

Mistoqsi xi jrid jghid bil-kelma *safety* x'hin ikun idur il-krejn jghid illi jghaddi minn fuq ghaliex hemm is-*safety* kollu *clear* u ma kien hemm hadd. Jekk jigri incident ma jwegga' hadd. Mistoqi d-direzzjoni tal-krejn x'differenza ghamlet ghall-incident tieghu jghid illi kieku l-krejn dar kif suppost *anti-clockwise* x'hin waqa' l-gebel ma kien ikun hemm hadd u ma kien iwegga' hadd.

Rat **l-affidavit ta' Brian Micallef** li kien direttur tal-Kumpanija ntimata fi zmien l-incident. Jghid li l-intimata kienet il-kumpanija inkarigata sabiex taghmel ix-xoghlijiet ta' kostruzzjoni fil-lant in kwistjoni. Il-progett kien wiehed estensiv u dam sejjer madwar sena u nofs ghalhekk kien hemm tim ta' haddiema jahdmu esklussivament fuq dan il-progett tul dak il-perjodu. Il-Perit inkarigat kien il-Perit Brian Ebejer bhala l-perit tal-progett li hareg id-dizinji strutturali izda mhux id-dizinji arkitettonici li kienu saru minn Perit precedenti:

'4. Barra minn hekk, kemm il-kumpannija VDM Limited kif ukoll Devlands Limited kienu nkarigaw lil kumpannija AME Health and Safety Services li kienet responsabbli ghall-aspetti kollha ta' sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol. Barra li kienu preparaw risk assessment fil-bidu tal-progett, l-ufficjali ta' din il-kumpannija kienu jigu fug il-post regolarment, tista tghid kull gimgha, sabiex jissorveljaw u jispezzjonaw l-metodu ta' xoghol li kien qieghed jigi adoperat. Wara kull visita, din il-kumpannija kienet tibghatilna r-

rapporti ta' dak li tkun sabet u, jekk ikun mehtieg xi intervent min-naha taghna, ir-rakkomandazzjonijiet maghmula kienu jigu affetwati minnufih. Nista' nghid illi ahna konna nindirrizzaw kull rakkomandazzioni illi kienet taghmlilna l-kumpannija AME Health and Safety Services.

5. Nghid ukoll illi, barra t-team ta' haddiema ossija benneja illi kienu qed jahdmu fuq il-lant, kien ikun hemm ukoll foreman inkarigat min-naha taghna sabiex jissorvelja x-xoghol. Meta sehh l-incident in kwistjoni, il-foreman kien certu Mario Azzopardi.’

Izid li l-haddiema kienu jigu provduti b’ilbies protettiv neccessarju. Huwa ma kienx fuq il-post u kien l-operatur tal-krejn li spjegalu kif suppost sehh l-incident u li kien l-istess rikorrent li rabat ir-ruzata. Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-krejn ghaddha direzzjoni hazina jixhed:

‘9. Naf illi Sciberras allega illi l-moviment tat-tower crane ma kienx f'loku fis-sens illi kellu jghaddi minn trajjettorja differenti. Dwar dan jiena ma naqbilx. It-tower crane kien armat fis-sit tal-kumpannija hekk kif thares lejn ghalqa minn Triq il-Kostituzzjoni; Casa Arkati tigi fuq in-naha tax-xellug tas-sit. Is-sit kien mdawwar b'bini ta' terzi persuni.

10. Il-konsenja ta' bricks kienet titwassal fuq is-sit minn Triq il-Kostizzjoni u ghalhekk kienet tingarr b'movimenti mix-xellug ghall-lemin. Dan kien l-uniku mod illi l-materjal setgha jigi trasportat minn post ghall-iehor fuq is-sit. Hija haga ovja li persuna, hekk kif qieghed jara l-materjal jittella' l-fuq ma jibqax fic-cirku tal-moviment tal-crane.’

Jghid li apparti li mar fuq il-post gew msejjha wkoll l'AME Health and Safety Services sabiex jinvestigaw l-incident.

Rat l-**affidavit ta' Aldo Busuttil** direttur tal-kumpanija AME Health and Safety Services Limited liema kumpanija toffri servizzi relatati mas-sahha us-sigurta fuq il-post tax-xoghol kemm minn aspetti ta' *project supervisor* kif ukoll konsulenza b'mod generali. Huwa kien gie inkarigat mill-kumpanija VDM Limited bhala *project supervisor* fuq is-sit ta' kostruzzjoni in kwistjoni fejn il-kuntrattur principali kienet is-socjeta ntimata. Jghid lil l-procedura fil-bidu kienet li imtliet il-*construction notification form*, tfasslet il-*health and safety plan* u tfassal ir-*risk assessment* ghall-istadju tal-kostruzzjoni. Kopja ta' din id-dokumentazzjoni giet esbeiti fl-atti mill-istess xhud. Intalbu wkoll ic-certifikati tal-ingenji kollha li kienu ser jintuzaw fuq is-sit inkluz it-*tower crane.* Jghid li kollox kien inghata lilu sew. Malli beda x-xoghol, ufficcjal mill-kumpanija kien jaccedi fuq il-lant darba fil-gimgha biex jaghmel spezzjonijiet dwar kif kien qed jigi ezegwit ix-xoghol. Wara kull spezzjoni l-ufficcjal ihejji rapport u jinghata lill-klijent u lis-socjeta' ntimata. Jghid li l-iskop tal-ispezzjoni kien sabiex wiehed jissorvelja l-andament tax-xoghol kif ukoll li jigu evalwati r-riskji li jistghu jinqalaw waqt l-ezekuzzjoni u jingiebu a konjizzjoni tal-persuni nteressati sabiex tittiehed azzjoni u jigu evitati ncidenti. Jghid li l-progett in kwistjoni kien joffri l-isfidi ta' kull sit ta' kostruzzjoni.

Izid li dak in-nhar tal-incident kien hu li nizel jaghti l-ewwel ghajnuna lir-rikorrent ghaliex in-*nurses* mhux awtorizzati jinzlu fis-sit. Wara li l-vittma ttiehed l-isptar huwa beda jinvestiga u kellem ix-xhieda Darren ( Darryl)Agius, Mario Azzopardi, Michael Cassar, Sheldon Falzon u Pawlu Bugeja. Ikompli jixhed dwar l-investigazzjoni li ghamel kif isegwi:

‘Mill-investigazzjoni tieghi, irrizultali illi waqt il-process illi kienu qed jittelghu gebel permezz ta' crane, ghal xi raguni, faqqa' kantun u cediet ir-ruzata tal-gebel fejn din jidher illi waqghet fuq Gaetano Sciberras. Irrizultali ukoll illi Sciberras kien hu stess li rabat il-knaten permezz ta' liema intrabtet ir-ruzata. Hadd ma semmieli jew ilmenta dwar id-direzzjoni illi mexa l-crane ghalkemm nghid li, minhabba l-konfigurazzioni tas-sit, ma kien hemm imkien aktar fejn setgha jigi manuvrat il-crane. Dan ghaliex id-dahla ghas-sit kienet dejqa u kienet, minn Triq il-Kostituzzioni, mdawwra bil-bini.

11. Jien kont hejjejt rapport flimkien ma' ritratti li kont hadt dakinhar, liema rapport qieghed jigi esebit u markat bhala Dok. AB3. F'dan ir-rapport, jiena kkonkludejt li "*jidher li l-vittma rabat il-knaten u nahseb li ma ndunax li kien hemm xi wiehed difettuz. Jista' jkun li f'xi hin il-katina ngibded il-fuq, ghalhekk il-knaten inghafsu ma xulxin faqqa xi wiehed minnhom bil-konsegwenza li x-xoghol nizel ghal isfel. Jidher ukoll li l-vittma baqa' taht ix-xoghol li dak il-hin kien imdendel li b'hekk il-knaten waqaw xi ftit fuqu*". Jien ghaddejt dan l-ahhar kumment ghaliex meta qieghed jintrefa xi haga, hi x'hi, hadd m'ghandu joqghod tahta ghaliex, jekk jinqala xi haga fil-process tal-garr, hemm aktar cans illi jintlaqat kif fil-fatt gara.

12. Jiena kont imbaghad ikklassifikajt, bhala parti minn evalwazzjoni tar-riskju, bil-mod segwenti:

a. Likelihood of recurrence bhala medium. Dan ghaliex ix-xoghol kien qieghed isir bil-gebel u mhux bil-bricks.
b. Severity of outcome bhala high ghaliex l-impjegat wegga.
c. Level of risk bhala medium ghaliex ix-xoghol kien ghadu ghaddej u kien hemm il-gebel li kien ghadu qieghed jintuza.

13. Fir-rigward tas-sezzjoni intitolata "Actions to Prevent Recurrence", hemm indikat illi ttiehdet azzjoni fis-sens illi l-haddiema jiccekkjaw illi l-gebel ma kienx maqsum jew difettuz qabel ma' dan jintrefa'.

Flimkien mal-affidavit jipprezenta wkoll numru ta' ritratti li ha fuq is-sit dak in-nhar tal-incident. Rat l-istess ritratti u d-dokumentazzjoni kollha esebita mal-affidavit tieghu.

Rat id-dokument a fol. 223 tal-process li jikkoncerna direttament il-mizuri li kellhom jittiehdu dwar il-krejn qabel ma jinbeda x-xoghol. Rat partikolarment it-tielet kolonna tal-istess dokument li taqra kif isegwi:

'Crane sited and operated over residential buildings.'

Rat ukoll il-lista ntitolata 'Existing measures to control risk'. Rat ukoll illi dan ir-rapport precedenti ghal qabel bdiet il-kostruzzjoni kien jirrakomanda li jkun hemm sinjali fuq is-sit li jindika li hemm il-periklu gej minn oggetti li jistghu jaqaw.

Rat ix-xhieda mehuda mill-haddiema prezenti dak in-nhar tal-incident minn dan ix-xhud a fol. 266 A et seq tal-process liema xhieda izda ttiehdet ai fini tal-invetsigazzjoni li ghamel l-istess xhud u mihiex bil-gurament. Il-Qorti rat li l-verzjoni moghtija minn Darren (Darryl) Agius l-operatur tal-krejn moghtija *a tempo vergine* kienet kif isegwi:

'Nghid li "waqt li l-vittma rabat il-knaten tad-9" li kienu xi sebgha b'kollox, jien kont fil-kabina tal-crane nistenna li jlesti. X'hin ghamilli s-sinjal u tellajt ir-refha mil-art u qbizt il-kolonna, nahseb

li faqqa xi kantun u nizel ghal isfel waqt li kont qieghed indahhal il-gewwa. Inzerta li fejn waqaw il-knaten kien hemm Gejtu Sciberras. Ma rajtx x'kien gara. Hadd ma caqlaq lil vittma mil-post. Nahseb li Mario il-foreman cempel lil-ambulanza. Xi hadd mil-haddiema li kien hemm bdew ixarbulu wiccu waqt li ghamlulu id-delli fuq wiccu."

Il-Qort rat li x-xhieda l-ohra lkoll qalu li semghu il-hoss tal-gebel jaqa' izda mhux li raw l-incident isehh. Paul Magri dak in-nhar ma tax il-versjoni tieghu ghaliex kien mar-rikorrent fl-ambulanza.

Aldo Busuttil xehed in kontro-ezami a fol. 249 et seq tal-process. Jghid illi l-krejn fejn kien, fil-limitazzjoni tas-sit li kien fih ma setax jimmanuvra lejn in-naha tal-lemin ghall-fatt li kien hemm il-bini, u wisq iktar in-naha tax-xellug, li kien hemm jigi fuq il-wied. Jghid li minn fejn kien qed jghaddi l-krejn huwa ma jistax jghid ghaliex ma kienx hemm. Ikompli:

'It-tieni haga, l-krejn fuq in-naha tal-lemin kif ghidtlek hemm il-bini, voldiri ma jistax zgur jimmanuvra mal-genb ghax kien zgur jahbat mal-appoggi kien, voldiri l-unika triq li fadal hija illi li jghaddi minn fuq dik id-direzzjoni tal-wied ghal fuq is-site. Dik kull ma ... jigifieri ma kienx hemm ...'

Jghid li l-krejn kien aktar baxx mill-bini allura l-jib tieghu bilfors kellu jdur minn fuq il-wied ghaliex inkella kien jahbat mad-djar. Jghid li mill-ftit li jiftakar zgur ma setghax jaghmel 360 degree ta' krejn ghax jahbat mal-appoggi. Jispjega li ma setghetx iddur il-gabina, l-bazi tal-krejn mhux il-gib, il-bazi ma setghetx iddur 360 degree ghaliex tahbat mal-appoggi.

**Rapporti medici:**

Rat ir-rapport mediku ex parte ta' Mr. Thomas Azzopardi a fol. 45 et seq tal-process. F'dan ir-rapport dan ix-xhud jaghti l-opinjoni u l-pronjosi segwenti:

'The history given for events on 9th July 2013 was consistent with the left sided shoulder, chest and abdominal injuries sustained. Mr Gaetano Sciberras sustained the following injuries:

1. Comminuted glenoid neck and scapular body fractures of the left shoulder associated with an upper brachial plexopathy,
2. Left 5th to 7th rib fractures associated with a left pulmonary contusion and a left haemothorax, which required insertion of a chest drain,
3. Lacerations to the left kidney and spleen associated with retroperitoneal haemorrhage, which were managed non-operatively, and
4. Spinous process fractures of the 6th to 8th thoracic vertebrae.

He was transferred to the ITU for these life-threatening injuries, and thereafter to the cardiothoracic ward. He complained of residual symptoms with severe residual left shoulder pain and weakness, affecting his ability to engage in active employment and leisure activities and to carry out some activities of daily living.

As a result of the accident Mr Gaetano Sciberras experienced physical pain and emotional upset. He underwent a lengthy rehabilitation, but still complained of residual symptoms restricting left upper limb function. He attended the Accident & Emergency Department, orthopaedic fracture clinic, and

Physiotherapy Department at Mater Dei Hospital. His injury had been managed and treated appropriately.

Taking into account the nature of the injuries sustained, I should conclude that no further improvement should be expected. In my opinion Mr Gaetano Sciberras has sustained a whole person permanent disability of 25%.

A fol. 50 tal-process gie esebit certifikat mediku ta' Mr. Massimo Abela li jindika li sal-20 ta' Jannar, 2014 ir-rikorrent ma kienx f'posizzjoni li jmur lura ghax-xoghol.

Rat ir-rapport mediku tal-espert tal-Qorti Walter J. Busuttil a fol. 92 et seq tal-process fejn jirrelata u jikkonkludi kif isegwi:

'I reviewed him with regard to the chest injury that he had suffered in July 2013. Mr. Sciberras had suffered from multiple rib fractures on the left side of his chest. He had suffered from fractures of the fifth, sixth, seventh, eight, ninth, tenth and eleventh ribs. The sixth rib was fractured in two places. There was a left haemothorax and a small pneumothorax. He also had a fracture of the left scapula as well as as the vertebrae of T 6 to L 5.

Mr. Sciberras still suffers from pain in his chest wall as well as shortness of breath on exertion. His mobility is reduced. He is very tender on the left side of his chest.

On examination his chest has healed well and there is no severe deformity of his chest. His air entry is satisfactory bilaterally.

On the 27th of January Mr. Sciberras underwent some investigations at Mater Dei Hospital. He had a chest X ray which was reported as showing multiple old left rib fractures.

Opinion

Mr. Sciberras has persistent tenderness and therefore functional loss from his rib fractures. He is still complaining of discomfort and pain at the site of his fractures. In view of this I rate his disability from his rib fractures at 2% permanent disability in addition to his orthopaedic disability as well as any disability with regards to his abdominal injury. These are being assessed separately.

I believe that the facts I have stated in this report are true and that the opinions I have expressed are correct.'

Rat ir-rapport tal-espert mediku Mr. Ray Gatt a fol. 94 et seq tal-process f'liema rapport wara li ra l-istorja tar-rikorrent u ha konjizzjojni tal-processi medici tal-istess wasal ghall-konkluzjoni segwenti:

'Gaetano Sciberras sofra griehi fl-ispalla tax-xellug, specifikament fil-blade ta' l-iscapula. Din mghottija bil-muskoli u ma affetwat l-ebda gog. Il-problema kurrenti tidher li hi muskolari ghalkemm ma tantx ghandu ilmenti kbar minnha. L-iscans li saru juru li hemm problema limitata ta muskolu iffjammat. A rigward disabilita permanenti minhabba l-ispalla tax-xellug, jekk dan takkostah fuq limitazzjoni ta' movement tal-gog issib li d-disabilita hija 3% (Whole Body Impairment).'

Rat ukoll ir-rapport tal-espert mediku Gordon Caruana Dingli a fol. 100 et seq tal-process li wasal ghall-konkluzjonijiet kif isegwi:

'Summary of abdominal injuries

Mr Sciberras suffered a severe blunt injury to his abdomen which caused the following injuries:

1 Laceration left kidney
2 Laceration spleen
3 Retroperitoneal haematoma

These were treated conservatively ie the patient was admitted to the intensive therapy unit where he was closely monitored and the injuries healed without operation.

Prognosis of abdominal injuries

The abdominal injuries healed conservatively and there are no sequelae at present.

However there may be medium or long term complications. The intraperitoneal and retroperitoneal bleeding secondary to the splenic and renal trauma may cause intestinal adhesions and intestinal obstruction in the future. The kidney damage may lead to long term scarring which can cause renal impairment and worsening of his pre-existing hypertension. Trauma to the spleen may compromise its function and increase susceptibility to infection.

Disability

In my opinion Mr Sciberras has suffered a three percent (3%) disability because of the potential sequelae of his abdominal injuries.

This disability is specifically restricted to his abdominal injuries and specifically excludes psychological sequelae and orthopaedic and cardiovascular injuries.'

Rat ix-xhieda tal-espert ex parte Mr. Thomas Azzopardi a fol. 113 et seq tal-process. Mistoqsi jispjega huwa x'ikkonstata fir-rikorrent jixhed kif isegwi:

''Kif spjegali hu, is-sinjur sofra trawma meta gebal waqghet mill-crane kif kienu qed itellghuha u laqtitu fuq spallejh. Hu ddahhal l-isptar fid-9 ta' Lulju 2013 b'hafna injuries li kienu jinvolvu l-ispalla, il-qafas ta sidru, zaqqu u dahru. Kellu wkoll lacerations li l-kilwa tax-xellug u l-milsa. Dawn kienu injuries serji u filfatt ddahhal l-itu fejn kellu demm fil-pulmun u fil-heumatorax nghidulu, kellu jigi drained. Sarulu iktar testijiet waqt li kien hemm imbaghad baqa' jirkupra bil-mod il-mod u bazikament studji tan-nervituri kkonfermaw li kellu injury tan-nervituri u l-ispalla fejn kellu l-ksur. Jien ezaminajtu fil-21 ta' Ottubru 2014 fejn bazikament hu kien ghadu jsofri minn sintomi u s-sintomi huma elenkati. Kellu ugiegh kostanti fl-ispalla tax-xellug u fuq in-naha tax-xellug tal-qafas ta' sihdru li kien anke telliflu l-irqad bil-lejl, kien izommu mqajjem jew iqum bl-ugiegh, kellu hafna djufija fid-driegh tax-xellug specjalment meta jigi biex jaghmel attivita l fuq mill-ispalla. Hu qal li kellu qtugh ta' nofs u kien qed juza l-inhailers mill-accident l hawn u meta kien jiesol kien jugghu sihdru fug in-naha tax-xellug. Kien ghad ghandu tnemnim fug is-swaba ta' jdejh ix-xellug u kien ghadu fuq regular medication. Ix-xoghol ma setax jaghmel ix-xoghol li kien jaghmel qabel fil-

construction fejn kien jerfa' u jqandel knaten, jaqta' l-gebel u jittraxxja l-gebel. Kien ukoll limitat fl-attivita ta' kuljum, biex jiehu hsieb tieghu nniffsu, biex jinhasel u biex jilbes u anke l-mixi kien limitat ma setax jimxi kemm irid. Fil-hin liberu tieghu kien limitat fl-attivita' li seta' jaghmel. Kif ha jahsel il-karozza, biegh id-dghajsa ghax ma setax imur iktar biha kien sajjied tad-delizzju. Mill-ezami u mir-review tal-medical records jien hrigt dawn il-konkluzjonijiet. Li t-trawna hija konsistenti mal-injuries li sofra. Int jekk jaqa kantun u jolqtok fuq spallejk hija konsistenti mas-severe injuries li kellu s-sinjur fejn kellu ksur tas-shoulder blade u tas-socket tal-ispalla, kellu hsara fin-nervituri, il-... flaxus li huwa d-driegh, kellu ksur tal-kustilji u kuntizjoni fil-pulmun u neamotorax, demm migbud hemmhekk u kellu bzonn chest drain, kellu ticrita fil-kilwa tax-xellug u fil-milsa u blidja ... wara z-zaqq u kellu wkoll ksur fl-irkikel ta' dahru. Dawn huma injuries li kienu serji, life threatening injuries u kellu bzonn il-kura fI-ITU u anke wara fil-cardio thoracic ward, kellu sintomi residwali kif spjegajt u kienu qed jillimitawl l-attivitajiet tieghu. Minhabba f'hekk in-natura ta' injuries li kellu, dan kien ha jsofri dizabilita' permanenti u fl-opinjoni tieghi tajtu 25%.'

Jghid li huwa ta r-rata ta' dizabilita' primarjament fuq l-*injuries* ortopedici – il-hsara li kellu fil-ksur tas-*shoulder blade* li taffettwa l-ispalla u primarjament l-*injury* li taffettwa n-nervituri. Dan l-*injury* fl-ispalla jaffettwa billi jkun limitata kemm jista jerfa', is-sahha li jista' jaghmel, kemm jista' jilhaq u ir-range of motion affettwat. Izid li l-eta hija fattur possibbi stante li jekk wiehed ikun izghar ic-cans ta' rkupru huwa aktar malajr pero' la darba jghaddi z-zmien minn fuq l-injury bhal fil-kaz odjern le. Muri r-rapport tal-espert tal-Qorti Mr. Ray Gatt jghid li dan huwa nieqes mill-ezami tal-hsara fin-nervituri tal-brakal plexus li skonthu

jillimitaw il-funzjoni u ghaldaqstant ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet ta' Mr. Gatt.

In kontro-ezami jinsisti li it-'traumatic nerve injuries' li ma dahalx fihom l-espert tal-Qorti huma *orthopedic injuries* u kellhom jigu inkluzi. Huma jidhlu fil-hsara li tkun saret fl-ghada, il-jogi, l-muskoli u n-nervituri. In kontro-ezami jispjega wkoll kif huwa jaghmel l-ezami lill-pazjent u kif jasal ghall-konkluzjonijiet finali. Jghid ukoll li r-rikorrent mar ghandu limitatament ghar-rapport.

Introjtu tar-rikorrent:

Il-Qorti rat ix-xhieda ta' Martin Deguarana rapprezentant tas-socjeta intimata a fol. 148 tal-process fejn a fol. 150 tal-process esebixxa 'Supplies Acitivity (Detailed) Excluding No Transactions fil-konfront tar-rikorrent.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi sabiex din il-Qorti tkun tista' tikkunsidra it-tieni, t-tielet u r-raba' talba tar-rikorrrent li jikkoncernaw l-allegati danni sofferti, fl-ewwel lok jehtieg li din il-Qorti tiddeciedi jekk hux minnu li r-rikorrent wegga' fuq il-lant tax-xoghol b 'responsabilita' tas-socjeta' intimata li kienet obbligata bil-ligi li tagixxi bhala Bonus Pater Familias ghalhekk li tipprovdi post tax-xoghol sigur ghall-haddiema taghha. Fil-fatt is-socjeta' ntimata fin-nota ta' sottomissjonijet taghha ssostni kif isegwi:

'Ghalkemm il-principji tal-htija kif imsawra fil-kuntest tal-Artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kapitolu 16 jistghu jigu applikati in linea generali ghall-azzjoni rikorrenti, it-talbiet tar-rikorrent ghad-dikjarazzjoni ta' responsabbiltá u konsegwenti likwidazzjoni u

kundanna ghall-hlas tad-danni huma msejsa fuq ir-relazzjoni ex contractu veljanti bejn impjegat u principal fejn jidhol il-harsien tas-sahha u tas-sigurtá fuq il-post tax-xoghol. In linea generali, kwalsiasi azzjoni (pozittiva jew negattiva) jew forma ta' kondotta assunta trid tkun ippernjata fuq il-prudenza u d-diligenza ta' bonus paterfamilias. Ghandha tkun akkompanjata wkoll minn dak il-buon sens li z-zmien, il-mument u s-sitwazzjoni partikolari jkunu jirrikjedu jew jkunu jiddettaw.'

Illi l-artikolu 1031 u 1032 (1) tal-Kap. 16 jaqraw kif isegwi:

'1031: Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.
1032: (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.'

Il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghal decizjoni kwotata wkoll mill-intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha fl-ismijiet Geoffrey Tanti vs. Panta Contracting Limited et. deciza mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-25 ta' Frar, 2021, liema decizjoni tiddelinea b'mod car l-ezercizzju li trid taghmel din il-Qorti sabiex issib ir-responsabilta' o meno tas-socjeta' ntimata

"Min-naha l-ohra, il-grad gholi ta' responsabbiltà ta' min ihaddem, ma jehlisx lill-haddiem mill-obbligu li jhares is-sahha u s-sigurtà tieghu nnifsu u ta' dawk kollha li jistghu jintlaqtu mix-xoghol li jkun qieghed iwettaq (Artikolu 7 (1) tal-Kap. 424) jew milli jikkoopera ma' min ihaddmu u mal-awtoritajiet kompetenti (Artikolu 7 (2) tal-Kap. 424). Hekk ukoll jitqies li haddiem ghandu jzomm lura milli jqieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih ghal riskju bla bzonn u li joqghod attent ghal dak li jkun qieghed jaghmel. Huwa ritenut li haddiem li jonqos milli joqghod ghall-

istruzzjonijiet li jkun tah, jew ghall-prekawzjonijiet li jkun fetahlu ghajnejh ghalihom min ihaddem, ghandu jbati l-konsegwenzi li jgarrab. Hekk inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Jannar, 2009, fil-kawza fl-ismijiet Peter Ronald v. Polibon Construction Limited: "Huwa minnu li d-datur tax-xoghol ghandu obbligu li jhares l-inkolumita` tal-impjegati tieghu u dana billi jipprovdi dak li jissejjah 'a safe system of work' kif ukoll 'a safe place of work'. Ghandu wkoll jaccerta ruhu li l-impjegati tieghu jkunu mharrga sew dwar ix-xoghol li jkunu mistennija li jaghmlu. Pero` daqstant ghandhom obbligu dawk l-istess impjegati li, fl-interess taghhom stess, fl-ewwel lok jobdu dawk l-istruzzjonijiet li jkunu gew moghtija lilhom mill-employer u inoltre jagixxu b'mod dettat mis-sens komun, sabiex jassiguraw l-inkolumita` taghhom. … "L-attenzjoni mehtiega mis-socjeta` konvenuta hija dik ta' bonus pater familias u mhux fi grad oghla, u la darba jirrizulta li kien hemm sorveljanza kontinwa u li kienet inghatat l-ordni specifika biex ma jigux ezegwiti dawk ix-xoghlijiet li eventwalment wasslu ghall-incident, l-istess socjeta` konvenuta issodisfat dan l-obbligu taghha u konsegwentement ma tistax tinsab responsabbli ghall-akkadut billi l-attur iddizobbedixxa ordni espressa tad-datur tax-xoghol tieghu."

Il-Qorti rat ukoll l-artikoli 6 u 7 tal-Kap. 422, Att dwar l-Awtorita ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-post tax-xoghol li jaqraw kif isegwi:

6.(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol lijkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:

Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi,min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetentiminn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li

joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulintaħt dan l-Att:Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa utas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem.

(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biexjevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri - (a) li jiġi evitat riskju;(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;

(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġuevitati;

(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħuxjiġu evitati;
(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunxperikoluż jew li jkun anqas perikoluż;

(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjonikollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;

(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarmentgħal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiettax-xogħol, l-għaħla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażlata' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, upartikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonuu xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel,u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;

(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;u

(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali uloġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta'xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijietsoċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmumal-ambjent tal-post tax-xogħol.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (2),min iħaddem għandu jipprovdi dik l-informazzjoni, dak it-tagħlim,dak it-taħriġ u dik is-superviżjoni li huma meħtieġa biex tiġiżgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol.

(4) Min iħaddem għandu jiżgura li f'dawk il-postijiet tax-xogħol fejn jaħdem għadd suffiċjenti ta' ħaddiema, għandhom jiġueletti, magħżulin jew mod ieħor nominati, persuna jew persunibħala r-Rappreżentant jew ir-Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema, u liema rappreżentanti jiġu konsultati minnqabel u fi żmien raġonevoli minn min iħaddem dwar dawk il-ħwejjeġ li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.Dmirjiet tal-ħaddiema.

7.(1) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra lijistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.

(2) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jikkoopera ma' min iħaddem u mar-Rappreżentant jew Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol għal dak li għandux'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà.'

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li jidher li hemm qbil bejn il-partijiet li l-uniku mod kif seta' sehh l-incident in kwistjoni fejn faqqghet ir-ruzata tal-gebel kien billi kien hemm kantun minnhom li kien difettuz b'dana li dan malli gie maghfus bil-katina, hu u jigi

mgholli mill-krejn, faqqa bir-rizultat li r-ruzata tal-gebel waqghet ghal isfel.

Illi mill-provi fl-atti jirrizulta kif ir-rikorrent Gaetano Sciberras, li jirrizulta li kellu tletin sena esperjenza f'dan ix-xoghol, mar biex jorbot l-ahhar vjagg ta' gebel li kien jikkonsisti f'sitta jew seba' knatan li kienu lesti f'posizzjoni dritti sabiex jintrabtu bil-katina. Mhux car mill-atti jekk dawn il-knatan gewx posizzjoni dritti mill-istess rikorrent jew minn xi hadd iehor f'liema kaz ma tressqet l-ebda prova dwar dan. Ir-rikorrent, diversi drabi fl-atti jghid li huwa ma ra l-ebda difett f'dawn il-knatan ghaliex kieku kien inehhi l-kantun li jinnota bhala difettuz. Dan ukoll juri li r-rikorrent kien ben konxju bil-possibilita' li tul ix-xoghol xi kantun jista' jirrizulta difettuz. Ikompli jghid li prosegwa sabiex jorbot dawn il-knatan bil-katina bil-procedura tas-soltu billi jsallabha miz-zewg direzzjoni mal-gebel u jara li jorbot sew il-ganc. Tant illi dawn il-knatan gew marbuta sew bil-katina li kemm ir-rikorrent kif ukoll l-operatur tal-krejn jikkonfermaw li r-ruzata lahqet telghet certu ammont ta' metri 'l fuq fl-arja u li kieku din ma kinitx marbuta sew kien ikollha terga titnizzel.

Illi sa dan l-istadju tal-irbit tal-gebel il-Qorti ma tista' ssib l-ebda tort fuq ir-rikorrent ghaliex jidher li ghamel xoghlu sew sabiex jorbot il-gebel skont is-sengha u l-arti li huwa kien ilu jezercita tul tletin sena u wkoll ma nnota l-ebda difett fil-gebel. Il-Qorti tirrileva wkoll ilLi kieku xi gebla minnhom kellha difett li jidher allura l-incident kien ikun tort tal-istess rikorrent izda mill-atti dan ma jirrizultax. Il-Qorti rat fil-fatt li fl-atti gie spjegat kif kantun jista' jista' jkollu difett mohbi go fih, msejjha brama muta, li minn barra ma tkunx tidher u li dan ifaqqa fil-mument li jingarr. Il-Qorti terga' tirrileva li fl-atti ma tressqet l-ebda prova minn ebda parti dwar min kien li ppostja dan il-gebel dritti hdejn xulxin

sabiex ikunu jistghu jigu marbuta. Hareg biss li l-gebel kien jigi provdut mill-istess socjeta′ ntimata u li certament sa dak il-mument li gie biex jigi mghobbi u mgholli dan il-kantun kien ghadu, mid-dehera tieghu, ma jidhirx li difettuz izda kantun bhal kull kantun iehor.

Dwar l-irbit appozitu tal-katina xehed ukoll l-operatur tal-krejn Darryl Agius li wkoll kkonferma li r-ruzata kienet giet marbuta sew tant li din telghet, fi kliemu, seba′ filati gholi. Il-Qorti tirrileva fl-atti li effettivament ix-xhieda tar-rikorrent, ta′ certu Paul Magri li kien qed jahdem mar-rikorrent u tal-istess Darryl Agius ma taqbilx dwar kemm ezatt kienet lahqet gholiet ir-ruzata qabel ma sehh l-incident. Jibqa izda l-fatt li r-ruzata lahqet telghet gholi mhux hazin tant li r-rikorrent u Darryl Agius jaqblu li lahqet qabzet il-pilastru tal-hadid u ostakli ohra li anki jidhru fir-ritratti mehuda minn Aldo Busuttil a fol. 268 et seq tal-process. Il-Qorti hija konvinta li kieku r-rikorrent rabat hazin ir-ruzata din kienet taqa′ ferm qabel il-mument li sehh l-incident u ma kinitx tilhaq titla tant gholi. Fil-fatt il-Qorti rat li Darryl Agius fil-verzjoni moghtija *a tempo vergine* lill-istess Aldo Busuttil kien stqarr li huwa kien gholla r-ruzata u kien fil-process li jigbed l-istess lura meta din waqghet.

Illi dwar il-kwistjoni jekk ir-rikorrent baqax taht ir-ruzata tal-gebel fil-hin li din giet mghollija effettivament mill-provi dan ma jirrizultax. Ir-rikorrent jghid li huwa baqa′ mar-ruzata sakemm din qabzet il-magna tal-gebel mbaghad mexa lil hinn minnha. L-istess jixhed Paul Magri li sahansitra jghid li r-rikorrent lahaq mexa bejn hmistax u ghoxrin metru l-boghod. L-operatur tal-krejn Darryl Agius ukoll jghid li huwa kien mohhu li taht ir-ruzata ma jkollu l-hadd u fil-fatt lir-rikorrent ma rahx. Ghalhekk johrog li r-rikorrent ma kienx negligenti u ma baqax taht ir-ruzata ghalkemm

johrog mix-xhieda tieghu li huwa ta dahru lill-istess huwa u miexi lejn in-naha l-ohra tas-sit fejn kien hemm Paul Magri sabiex ikun jista' jitnizzel l-istess gebel mgholli.

Illi l-Qorti, fl-atti, rat li x-xhud Paul Magri fit-tieni xhieda tieghu qajjem dubju dwar id-direzzjoni tal-'gib' tal-krejn fejn isostni li ftakar li l-operatur tal-krejn kellu jdawwar lejn id-direzzjoni tal-wied sabiex ikun hemm 'safety' filwaqt li dak in-nhar tal-incident ghal dik ir-ruzata partikolari dar bil-kontra. Is-socjeta' ntimata ssostni li dan ma kienx minnu u li x-xhieda tal-istess Magri dwar dan hija kontradittorja u mhux veritiera.

Il-Qorti rat mill-atti li dak in-nhar tal-incident, fil-versjonijiet moghtija lill-pulizija, hadd mix-xhieda u wisq anqas ir-rikorrent u lanqas Paul Magri ma semmew xi hin din il-kwistjoni tad-direzzjoni tal-krejn. Fil-fatt fir-rapport huwa mnizzel li Paul Magri stqarr li ma kienx fil-vicinanzi tal-incident. Paul Magri naqas milli jixhed dwar dan il-punt ukoll fl-ewwel xhieda tieghu tant illi jghid li hu sema' biss il-gebel jaqa' u li ma jafx kemm gholi lahaq telghet ir-ruzata. Fit-tieni versjoni moghtija aktar minn sena wara jghid li ftakar li l-operatur tal-krejn flok dar lejn fuq il-wied, dar ghal fuq in-nies u kien ghalhekk li l-gebel waqa' ghal fuq ir-rikorrent. In kontro-ezami ulterjuri diversi xhur wara jiftakar ferm aktar dettalji u jghid li r-rikorrent kien lahaq mexa hmistax jew ghoxrin metru l-boghod minn fejn kien qed idur il-krejn u li l-gib tal-krejn kienet lahqet imxiet hames metri fid-direzzjoni opposta. Apparti li dan jikkontradixxi dak li xehed Paul Magri fit-tieni xhieda ghax allura jirrizulta li effettivament il-gib mexa d-direzzjoni opposta ta' fejn mar ir-rikorrent, l-Qorti ssibha ferm difficli temmen li *a tempo vergine* dan ix-xhud ma ftakarx dan id-dettal tant importanti u ma semmihx mal-pulizija.

Il-Qorti rat ukoll li malli Paul Magri hareg bil-versjoni tad-direzzjoni hazina tal-krejn, ir-rikorrent rikeb din il-versjoni u ghamilha tieghu fix-xhieda ulterjuri tieghu meta kien hu wkoll li mal-pulizija ma semma xejn dwar dan.

Il-Qorti tinnota in oltre li hadd mix-xhieda l-ohra li kienu fuq il-lant tax-xoghol ma semma dan id-dettal la mal-Pulizija, la mal-investigatur mqabbad mis-socjeta ntimata u wisq anqas mal-Qorti.

Minn naha l-ohra s-socjeta' ntimata ressqet ix-xhieda ta' Aldo Busuttil li sostna li bil-mod kif kien armat il-krejn, minhabba l-appoggi, il-krejn kien fl-impossibilita' li jdur 360 degrees mill-parti t'isfel fejn hemm il-gabina. Apparti minn hekk il-Qorti rat ir-rapport preliminari tal-Health & Safety esebit mill-istess xhud redatt fuq talba tas-socjeta' sid tal-lant in kwistjoni fejn fih tnizzel li appuntu l-krejn kien mistenni li jdawwar il-gib minn fuq ir-residenzi. Dan kollu juri li l-versjoni moghtija minn Paul Magri mihiex wahda veritiera u tiddeplora l-mod kif ir-rikorrent rikeb fuq din il-gidba ghaliex haseb li hekk jaqbillu jaghmel.

Illi jonqos ghalhekk li din il-Qorti tevalwa jekk is-socjeta' ntimata ghandhiex xi resposabilta' fl-incident in kwistjoni. Jirrizulta fl-ewwel lok li s-socjeta' intimata provdiet ilbies protettiv lill-haddiema kollha taghha u dan ma giex kontestat. Is-socjeta' intimata verament provdiet il-gebel hi izda rrizulta li d-difett li seta' kellha l-gebla, li habba fiha waqghet ir-ruzata tal-gebla, seta kellha jew difett visibbli li seta jarah biss ir-rikorrent jew mohbi li allura ma seta' jiprevedih hadd. Fl-atti tressqu wkoll provi li jissodisfaw lil din il-Qorti li s-socjeta' ntimata qabbdet ufficcjali tal-'Health and Safety' fuq il-post, qabel ma sahansitra beda l-izvilupp u li kienet issegwi r-rakomandazzjonijiet kollha li kienu

jsirulha fir-rapport ta' kull gimgha wara li kien jattendi l-ufficcjal fuq il-post.

Il-Qorti tirrileva wkoll li ma tressqet l-ebda prova ulterjuri da parti tar-rikorrent li possibilment setghet turi li s-socjeta' ntimata kienet qed tipprovdi lill-haddiema gebel mhux ta' kwalita'. Anzi jirrizulta li l-kostruzzjoni fuq il-lant kienet ilha ghaddejjha numru ta' xhur u ma kien sehh l-ebda incident simili, almenu ma tressqet l-ebda prova dwar li sehh xi incident iehor. In oltre dak in-nhar stess tal-incident hareg mill-provi li l-krejn kien ilu jgholli ruzati gebel sa mis-6.30 ta' filghodu u l-incident sehh wara nofsinhar, ghalhekk li kieku l-gebel kien difettuz, wiehed kien jistenna li l-incident isehh ferm qabel fil-gurnata.

Illi l-uniku argument li l-Qorti tista' tara li jista' jitqajjem fil-konfront tal-kumpanija intimata huwa li dan il-periklu ta' possibbli difett mohbi f'gebla seta kien previst u l-haddiema jkunu avzati bl-istess. Fil-fatt wara li sehh l-incident, jirrizulta li l-ufficjali tas-Sahha u s-Sigurta' rrakomanda li l-haddiema jibdew jiccekkjaw kantun, kantun qabel ma dawn jintrabtu, regola li jidher li ma kinitx ghadha giet adoperata dak in-nhar tal-incident. Jirrizulta izda li s-socjeta' intimata, sabiex jaghmel dan ix-xoghol, qabbdet appuntu lir-rikorrent li kellu tletin sena esperjenza f'dan ix-xoghol u hareg ampju mill-atti li r-rikorrent kien jaf b'din il-possibilita' tant li jghid li huwa kien jiccekkja u li jekk jara xi wiehed difettuz inehhih. L-istess rikorrent wara l-incident ukoll jirrizulta li seta mill-ewwel jghid x'sehh tant li mill-atti hareg li kull min kien jahdem fuq il-lant kien konxju bil-possibilita' li jfaqqa kantun, inkluz ir-rikorrent. Il-Qorti ghalhekk temmen li fi kwalunkwe kaz ir-rikorrent kien mghallem u kellu esperjenza bizzejjed li jaf li kellu jiccekkja l-knatan u li kien hemm il-possibilita' li jfaqqa xi wiehed meta jintghafas b'dana li kellu

jzomm il-boghod minn taht ir-ruzata u ma kienx hemm bzonn ordni jew direzzjoni specifika tas-socjeta' ntimata sabiex jaghmel dan.

Illi mill-provi f'kollha fl-atti, din il-Qorti tqis li l-incident in kwistjoni sehh unikament ghar-raguni li fost il-knatan marbuta fir-ruzata kien hemm wiehed difettuz u li l-probabilta' dan id-difett kien wiehed mohbi u li ma kienx visibbli ghall-ghajn. Ir-rikorrent rabat skont is-sengha u l-arti r-ruzata permezz tal-katina u l-ganc tant li r-ruzata lahqet telghet certu gholi minghajr problemi. Ir-rikorrent Sciberras lahaq warrab certu distanza minn taht ir-ruzata tant li l-operatur tal-krejn ikkonferma li hu ma kien qed jara l-hadd tahta. Kien f'dan il-mument li ttellghet ir-ruzata u ser tibda tingibed lura li f'daqqa wahda faqqa il-kantun difettuz bir-rizultat li l-gebel infaqa' u waqa l-isfel billi sparpalja f'certu distanza. Sfortunatament irrizulta li r-rikorrent kien ghadu ma tbieghedx bizzejjed sabiex jigi evitat li parti mill-gebel fir-ruzata jolqtuh fuq wara partikolarment f'dahru, ghalkemm almenu ma waqax il-gebel kollu fuqu u l-incident kien ikun ferm aghar.

Illi l-Qorti mill-provi kollha mressqa fl-atti tqis li s-socjeta' intimata bl-ebda mod ma setghet tipprevedi li ser isehh dan l-incident fil-hin li sehh stante li fil-fatt il-partijiet jaqblu li d-difett fil-gebla bl-akbar probabilita' kien mohbi. Jekk ma kienx mohbi izda vizibbli kien responsabilta' tal-istess rikorrent li jinduna li huwa tali.

Illi f'cirkustanzi fejn f'kazijiet bhal dak odjern ir-responsabilta' tas-socjeta' intimata mihiex wahda assoluta izda limitata sabiex jigi ppruvat li hija ezercitat diligenza ta' Bonus Pater Familias u f'cirkustanzi fejn din il-Qorti hija konvinta li s-socjeta' intimata ma setghet taghmel xejn aktar minn dak li ghamlet sabiex tevita li

jsehh l'incident, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-incident kien wiehed fortuitu li ghalih ma hu responsabbli hadd.

**Konkluzjoni:**

Illi din il-Qorti, filwaqt li jiddispjaciha ferm ghar-rikorrent u d-danni li allegatament soffra konsegwenza tal-incident (stante li din il-Qorti f'dan l-istadju ma dahlitx f'analizi tal-provi fir-rigward), sfortunatament in vista li ma sabet l-ebda negligenza u/jew responsabilita' fuq is-socjeta' ntimata u filwaqt li l-ligi nostrana ma tipprovdiex responsabilta' assoluta ta' min ihaddem f'kazijiet bhal dawn, ma ghandiex alternattiva ghajr li tghaddi sabiex tichad l-ewwel talba tar-rikorrent u konsegwentement il-bqija tat-talbiet tieghu.

Fic-cirkustanzi izda l-Qorti tqis li l-ispejjez tal-kawza odjerna ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' mill-ewwel sar-raba' eccezzjoni tas-socjeta' ntimata;
2. Konsegwentement tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Fic-cirkostanzi tal-kaz odjern l-ispejjez tal-proceduri odjerni ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**26 ta' Marzu, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Marzu, 2024**